

Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8898/26

EF 142  
ECOFIN 576  
DELECT 84

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2867 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'4.5.2026 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2867 final.

Mehmuż: C(2026) 2867 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.5.2026  
C(2026) 2867 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'4.5.2026**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Dan l-att delegat jissostitwixxi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 (RTS dwar l-EEAP) li ġie adottat f'Mejju 2016 biex jallinja r-rekwiżiti mal-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni (ITS) dwar il-kompiti tal-korpi ta' ġbir tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) u l-ITS dwar il-funzjonalitajiet tal-ESAP.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 stabbilixxa standards tekniċi regolatorji (RTS) li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali għal Mekkaniżmi Maħtura Uffiċjalment (MMU) biex l-informazzjoni regolata ssir disponibbli u aċċessibbli fil-livell tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp u t-tħaddim ta' Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew (EEAP) skont id-Direttiva 2004/109/KE (id-Direttiva dwar it-Trasparenza).

Il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/2859 jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni regolata u jissostitwixxi l-EEAP stabbilit preċedentement skont l-Artikolu 21a tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, u b'hekk jagħmel diversi dispożizzjonijiet tal-RTS eżistenti dwar l-EEAP obsoleti u żejda.

Il-MMU, li bħalissa jiġbru informazzjoni regolata skont l-Artikolu 21, il-paragrafu 2, tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, jinħatru bħala korpi ta' ġbir tal-ESAP skont l-Artikolu 23a, il-paragrafu 3, ta' dik id-Direttiva u għalhekk se jkun soġġetti għar-regoli l-ġodda applikabbli għall-korpi ta' ġbir kollha tal-ESAP. Dan l-abbozz tal-RTS għandu l-għan li jallinja r-rekwiżiti mal-leġiżlazzjoni tal-ESAP.

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza tirrikjedi li l-ESMA tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jstipula r-rekwiżiti tekniċi rigward l-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni. Dawn l-RTS ġew ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea mill-ESMA fis-16 ta' Ottubru 2025. It-test ta' akkumpanjament jistabbilixxi dak l-abbozz ta' RTS li jissostitwixxi l-RTS dwar l-EEAP.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Peress li l-att delegat għandu jiġi abbozzat mill-ESMA, din kienet qed twettaq konsultazzjoni pubblika.

Id-Dokument ta' Konsultazzjoni tal-ESMA (CP) dwar "ESEF RTS for sustainability reporting and on the amendments to the EEAP RTS" li jifforma parti minn konsultazzjoni usa', ġie ppubblikat fit-13 ta' Diċembru 2024 u l-perjodu ta' konsultazzjoni għalaq fil-31 ta' Marzu 2025. Ir-risposti li nġhataw għas-CP huma disponibbli fis-sit tal-ESMA<sup>1</sup>, sakemm ir-rispondenti ma jkunux talbu li r-risposti tagħhom jinżammu kunfidenzjali.

Is-CP kien jinkludi 3 mistoqsijiet dwar l-emendi għall-RTS dwar l-EEAP. Għal kull mistoqsija, l-ESMA inkludiet fir-Rendikont tal-Feedback tagħha sommarju tal-messaġġi ewlenin tal-kummenti li waslulha.

---

<sup>1</sup> <https://www.esma.europa.eu/press-news/consultations/consultation-esef-rts-sustainability-reporting-and-amendments-eeap-rts>

Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ma tax parir dwar l-emendi proposti tal-RTS dwar l-EEAP.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza.

Dan l-att delegat iħassar u jissostitwixxi l-RTS dwar l-EEAP biex jallinja r-rekwiżiti tiegħu mal-ITS dwar il-kompiti tal-korpi ta' ġbir tal-ESAP u l-ITS dwar il-funzjonalitajiet tal-ESAP.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.5.2026

**li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(2), it-tielet subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jirrikjedi li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tistabbilixxi u topera punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess elettroniku ċentrali għal firxa wiesgħa ta' informazzjoni, li tinkludi informazzjoni regolata ppreżentata mill-Mekkaniżmu Maħtur Uffiċjalment (MMU) imsemmi fl-Artikolu 21(1) u maħtur skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE.
- (2) Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> ħassret l-Artikolu 21a tad-Direttiva 2004/109/KE, li skontu l-ESMA operat portal web li jservi bħala punt ta' aċċess elettroniku Ewropew (EEAP) għall-ħżin u l-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni regolata bbażata fuq il-MMU.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2023/2864 daħħlet ukoll l-Artikolu 23a fid-Direttiva 2004/109/KE biex tispeċifika li l-korp tal-ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 huwa l-MMU maħtur skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE.
- (4) B'riżultat ta' dan, jenħtiegħ issa li l-ESAP jaqdi l-funzjoni ta' għoti ta' aċċess, fil-livell tal-Unjoni, għal informazzjoni regolata maħżuna mill-MMU.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament jirrifletti l-emendi rilevanti tad-Direttiva 2004/109/KE u li jkun allinjat mar-Regolament (UE) 2023/2859, mad-

<sup>2</sup> ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/oj>.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jstabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj>).

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2864/oj>)

Direttiva (UE) 2023/2864 u mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1338<sup>5</sup> u (UE) 2025/1339<sup>6</sup> dwar l-aċċess għal informazzjoni regolata skont id-Direttiva 2004/109/KE, konsegwentement jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437<sup>7</sup> jiġi emendat.

- (6) Madankollu, peress li huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1437 jiġu emendati b'mod sostanzjali, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u biex tiġi żgurata l-faċilità ta' referenza, jenħtieġ li dak ir-Regolament Delegat jiġihassar u jiġi sostitwit bi standards tekniċi regolatorji aġġornati li huma allinjati mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-MMU stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/2859, id-Direttiva (UE) 2023/2864 u fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1338 u (UE) 2025/1339.
- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA.
- (8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>.
- (9) Wara li kkunsidrat il-fatt li, f'konformità mal-Artikolu 23a tad-Direttiva 2004/109/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni regolata tiġi ppreżentata lill-korp ta' għbir għall-fini li ssir aċċessibbli fuq l-ESAP mill-10 ta' Lulju 2026, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Tfittxija għal informazzjoni regolata**

1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u topera l-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew ("ESAP") skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2023/2859 bħala l-punt ta' aċċess ċentrali għat-tfittxija għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni mill-utenti.
2. L-ESMA għandha tiżgura li l-ESAP joffri, fir-rigward tal-informazzjoni regolata magħmula disponibbli mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment (MMU) imsemmija

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1338 tal-10 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonalitajiet tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ĠU L, 2025/1338, 11.7.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/1338/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1338/oj)).

<sup>6</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1339 tal-10 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kompiti tal-korpi ta' għbir (ĠU L, 2025/1339, 11.7.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/1339/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1339/oj)).

<sup>7</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 tad-19 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni (ĠU L 234, 31.8.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2016/1437/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1437/oj)).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

fid-Direttiva 2004/109/KE, il-kriterji tat-tiftix imsemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2023/2859.

## *Artikolu 2*

### **Teknoloġiji tal-komunikazzjoni**

1. L-ESMA għandha tiggarrantixxi s-sigurtà u l-integrità tal-informazzjoni regolata skambjata bejn il-MMU u l-ESAP.
2. Il-MMU għandhom jużaw il-protokoll tal-internet siguri msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (d), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339, biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli fuq l-ESAP.
3. Il-MMU għandhom jagħmlu l-informazzjoni regolata disponibbli fuq l-ESAP permezz ta' trasferiment tal-files.
4. Kull MMU għandu jiżgura li l-konnessjoni tiegħu mal-ESAP tkun disponibbli għall-utenti mill-inqas 97 % fix-xahar.

## *Artikolu 3*

### **Għoti ta' informazzjoni lill-ESAP mill-MMU**

1. Kull MMU għandu jipprovdi lill-ESAP l-informazzjoni regolata msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2023/2859 u fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339.
2. Il-MMU għandhom jipprovdu lill-ESAP il-metadata msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339, inkluża l-metadata kollha li l-emittenti jippreżentaw lill-MMU skont l-Artikolu 23a tad-Direttiva 2004/109/KE.
3. Kull MMU għandu jagħmel disponibbli għall-ESAP il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tad-dokumenti mxerrda mill-emittenti u maħżuna mill-MMU f'konformità mal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2004/109/KE.
4. Meta l-emittenti jirretifikaw u jippreżentaw mill-ġdid l-informazzjoni lil MMU, dak il-MMU għandu jagħmel disponibbli għall-ESAP id-dokument ippreżentat mill-ġdid u l-metadata li takkumpanjah fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339.
5. Il-MMU ma għandhomx jitolbu ħlas lill-ESMA għat-twassil ta' informazzjoni regolata, il-metadata jew, fejn meħtieġ, is-siġill elettroniku kwalifikat, u lanqas għal kwalunkwe kost li jġarrbu l-MMU biex jaqbdu mal-ESAP.

## *Artikolu 4*

### **Identifikatur uniku użat mill-MMU**

Kull MMU għandu juża l-identifikatur speċifiku ta' entità ġuridika msemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1338.

## *Artikolu 5*

### **Format komuni għat-twassil tal-metadata**

1. Kull MMU għandu jwassal il-metadata lill-ESAP fil-format speċifikat fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339.

2. Kull MMU għandu jwassal il-metadata dwar l-informazzjoni regolata lill-ESAP f'konformità mat-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1339.

*Artikolu 6*

**Lista u klassifikazzjoni komuni tal-informazzjoni regolata**

Il-lista komuni tat-tipi ta' informazzjoni regolata għandha tikkorrispondi mat-tipi ta' informazzjoni elenkati fit-tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1338 u li huma relatati mad-Direttiva 2004/109/KE.

*Artikolu 7*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1437 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4.5.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*